FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 04 TA' NOVEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Keith Arnaud

vs

Joseph Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 139280M akkuzat talli:

1. nhar l-04/10/2008 ghal habta tas-06:30hrs, gewwa Triq Sant Agatha Tas-Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immoblli u cioe ikkagunajt hsarat fuq il-vettura bin- numru DBD 807 tal-ghamla Kancil Perodua, liema hsara tammonta ghal aktar minn € 116.47 izda mhux aktar minn €1,164.69 u dan ghad-detriment ta' Simone Bugeja minn Tas- Sliema u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325 1(b) tal-Kap 6 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjamnet kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal Kodici Kriminali;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel li haddiehor ingurji jew theddid jew jekk kien ipprovokam ingurja b'mod li johrog il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Simone Bugeja, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penaili ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti, kif ukoll, li titratta mal-imputat bhala li huwa recediv, b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

Fost l-akkuzi li l-imputat irid jirrispondi, l-akkuza l-aktar serja, titratta l-hsara volontarja li huwa allegatament ikkaguna lill-vettura DBD 807 ghad-detriment ta' certa Simone Bugeja.

Il-kwerelanta irrelatat, meta xehdet quddiem din il-Qorti, x'kien gara qabel mal-vettura taghha soffriet il-hsara. Stqarret li fil-gurnata 'de quo' cemplet il-qanpiena tad-dar fejn kienet tirrisjedi u sabet ragel, li ma setghetx taghrfu fl-imputat, li b'arroganza qalilha biex tnehhi l-vettura minn fejn kienet ipparkeggata ghaliex ried jahdem f'xi sit biswit. F'hin minnhom harget fil-gallarija u tara lil dan ir-ragel jaghti fuq il-karozza, ifajjar daqqiet ta' sieq fuqha u sahansitra jgholliha mill-art. Kompliet tghid li d-danni koprithom l-assikurazzjoni u kulma halset kien l-'excess' fl-ammont ta' €80 jew €75. Issa, mill-okkorrenza, kif ukoll mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirrisulta li kien hu l-persuna li dakinhar kellu argument mal-kwerelanta propju fuq il-fatt tal-karozza ipparkeggjata fejn kellu bzonn jahdem.

Intant, il-Qorti ghanda akkuza, dik tal-hsara volontarja, ben definita. Tafferma li mhux tant rilevanti r-retroscena li ipprecediet jew anka setghat segwita; rilivanti hu minn ikkaguna l-imsemmija danni. Fil-kuntest ta' dan il-Qorti ma jista jkollha l-ebda dubbju li dawn gew ikkagunati mill-imputat. Fuq il-konsistenza taghhom il-Qorti tirreferi ghal evalwazzjoni taghhom permezz tas-'surveyor' tas-socjeta assikurattrici (folio 38) li stabilixxa l-hsara fl-ammont ta' €629 li l-Qorti tifhem jikkomprendu l-€75 fuq riferiti.

Fil-konfront tal-akkuzi l-ohra dik tar-recidiva ma tirrisultax fin-nuqqas ta' xi sentenza esebita u dwar il-kumplament ta' natura kontravenzjonali tirrizulta biss dik tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika newtralizzata fir-rigward il-piena bl-Artikolu 17(d) tal-Kap 9.

Inghad dan, il- Qorti qeghdha ssib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza. Tilliberah mill-bqija. Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tilliberah billi tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 zmien sena, b'dan ukoll li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tac-citat Kap ihallas lill-assikurazzjoni Untours l-ammont ta' €554 u lill-kwerelanta Simone Bugeja l-ammont ta' €75, dan zmien mhux aktar minn sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona.

Magistrat.